

Taqisira għall-pubbliku

Att II dwar is-Suq Uniku

Flimkien għal tkabbir ekonomiku għdid

X'INHI L-KWISTJONI?

- Ġenerazzjoni sħiħa ta' ċittadini tal-UE gawdew il-benefiċċji li permezz tagħhom setgħu jistudjaw, jgħixu, jixtru, jaħdmu u jirtiraw fi kwalunkwe pajjiż tal-UE. Għal 20 sena, is-suq uniku Ewropew għamilha possibbli għan-negozji tal-UE li jbigħu l-prodotti u s-servizzi tagħhom lill-bażi enormi ta' konsumaturi – attwalment 500 miljun konsumatur.
Għall-konsumaturi, dan wassal għal aktar għażla u għall-prezzijiet aktar baxxi. U għan-negozji, aktar opportunitajiet biex jikbru.
- Mill-1992 sal-2008 s-suq uniku ġġenera 2.8 miljun impjeg aktar u żied il-PGD bi 2.1%.
- Iżda, is-suq uniku għadu mhux komplut. Jeħtiegħu jwieġeb għal sett li kontinwament jinbidel ta' pressjonijiet soċjali, demografiċi u teknoloġiċi – biex b'hekk ikun jista' jkompli jwassal it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.
- FI-2011, l-ewwel Att tas-Suq Uniku ppropona sett ta' 50 azzjoni, li llum qed jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-ministri nazzjonali fil-Kunsill tal-UE.
FI-2012, fl-Att II tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni identifikat 12-il azzjoni prinċipali biex jiġi promoss aktar żvilupp ekonomiku.

X'INHI L-PROPOSTA TAL-UE?

Il-Kummissjoni identifikat sensiela ta' azzjonijiet prinċipali li għandhom isaħħu l-iżvilupp ekonomiku, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE:

Niżviluppaw netwerks integrati b'mod sħiħ

1. **Trasport bil-ferrovija** – titjib fil-kwalità tas-servizz u l-prezzijiet għall-passiġġieri tal-ferrovija mal-UE kollha
2. **Trasport marittimu** – jinħoloq suq uniku għat-trasport marittimu biex jiġi ssimplifikat il-ġarr tal-prodotti bil-bastimenti
3. **Trasport bl-ajru** – jissaħħu s-sikurezza, l-effiċjenza u l-prestazzjoni ambjentali għall-ivvjaġġar bl-ajru
4. **Enerġija** – aktar integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE biex jingħata servizz aħjar lill-konsumaturi bi prezzijiet li jifilħu jħallsuhom, jiġu promossi l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza u biex tkun assigurata s-sigurtà tal-forniment

Inrawmu l-mobbiltà taċ-ċittadini u tan-negozji bejn il-fruntieri

5. **Mobbiltà individwali** – tgħin lill-persuni jfittxu impjeg f'pajjiżi oħrajn tal-UE permezz ta' reklutaġġ elettroniku mal-UE kollha, għodda biex wieħed isib ix-xogħol u jqabbel l-impjiegi
6. **Aċċess għall-finanzi** – joħloq mezz ta' investimenti ġodda biex jagħmilha eħfef għall-persuni li jinvestu fi proġetti fit-tul taż-żmien fl-ekonomija reali
7. **Ambjent kummerċjali** – jimmodernizza r-regola tal-insolvenza biex jitħaffu l-proċeduri bejn il-fruntieri u, ultimament, jgħin lin-negozji jkampaw. U meta ma jirnexxilhomx, joffri lill-intraprendituri t-tieni ċans.

Nappoġġaw l-ekonomija diġitali fl-Ewropa kollha

8. **Servizzi** – jappoġġaw is-servizzi billi l-ħlas elettroniku jsir aktar effiċjenti
9. **Suq diġitali uniku** – jagħti kemm hu possibbli lil bosta individwi u negozji aċċess għall-infrastrutturi ta' komunikazzjoni b'veloċità għolja
10. **Invojsjar elettroniku** – jippromwovi l-invojsjar elettroniku billi jsir obbligatorju għax-xiri tal-prodotti u s-servizzi mill-awtoritajiet pubbliċi (akkwist pubbliku)

Insañhu l-intraprenditorjat soċjali, il-koeżjoni u l-fiduċja/nondiskriminazzjoni tal-konsumaturi

11. **Konsumaturi** – titjibhom is-sikurezza tal-prodotti permezz ta' regoli aktar koerenti u rinforzar aħjar
12. **Koeżjoni soċjali** – tiżgura li ċ-ċittadini tal-UE kollha jingħatalhom aċċess għal kont bankarju bażiku, tiżgura li l-onorari tal-banek huma trasparenti, tagħmilha eħfef għall-persuni li jixtiequ jibdlu bank ma' ieħor

MIN SE JIBBENEFIKA?

- **Il-konsumaturi Ewropej, l-istudenti, dawk li qed ifittxu xogħol, il-ħaddiema u l-pensjonanti**
- **Il-kumpaniji li se jibbenefikaw mit-tneħħija tal-ostakoli biex joperaw fis-suq uniku**
- **L-amministrazzjoni pubblika** – f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffrankar tal-infiq pubbliku u mal-għoti ta' servizzi aktar intelliġenti

XI JMISS?

- Tnax-il azzjoni prinċipali huma spjegati b'mod sempliċi fl-"Att II tas-Suq Uniku: Flimkien għal Tkabbir Ekonomiku Ġdid".
- Il-Kummissjoni hi impenjata li twassal il-proposti leġiżlattivi prinċipali kollha sar-rebbiegħa 2013 u l-azzjonijiet mhux leġiżlattivi kollha sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' dik is-sena.
- Il-proposti leġiżlattivi għandhom jitħaffu mill-Parlament Ewropew u mill-ministri nazzjonali fil-Kunsill tal-UE u jġu adottati bi prijorità sar-rebbiegħa 2014, qabel il-vaganzi tal-Parlament.